**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Clayton Massa**

**Illum it-2 ta' Lulju, 2025**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Clayton Massa** ta' wieħed u erbgħin (41) sena, iben Lawrence u Maria Concetta xebba Busuttil imwieled Pieta, nhar 23 ta' Awwissu 1982, detentur tal-karta ta' identita 437082M u residenti fil-fond 120, Triq Is-Sur, Isla akkużat talli nhar is-sitta (06) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn 17:30hrs u 18:30hrs u / jew xi ħinijiet qabel / jew wara, ġewwa 120, Triq is-Sur, Isla u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-**Ispettur Omar Zammit** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema grieħi huma ta' natura gravi hekk kif ġie iċċertifikat mit-tabiba Justine Gray M.D bin-numru tar-reġistrazzjoni 3966 minn ġewwa l-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artiklu 214, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **PC575 Mark Tonna** f'periklu ċar, voluntarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tieghu, liema grieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif ġie iċċertifikat mit-tabiba Justine Gray M.D bin-numru tar-registrazzjoni 3966 minn gewwa l-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni tal-**iSpettur Omar Zammit** u **PC575 Mark Tonna** persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jew minħabba li kien għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħa jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra **l-Ispettur Omar Zammit u PC575 Mark Tonna**, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità u cioe' ta' **l-Ispettur Omar Zammit** jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu , jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor għemel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

U akkużat ukoll talli nhar is-sitta (06) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġimgħat u / jew xhur ta' qabel, ġewwa 120, Triq is-Sur, Isla u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. Ħebb kontra l-eks sieħba tiegħu u ċioe' **Beverly Agius** sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil l-istess Beverly Agius jew lil ħaddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu u ċioe' **Beverly Agius** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u storbju.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Clayton Massa għall-benefiċċju ta' Beverly Agius, l-Ispettur Omar Zammit u PC575 Mark Tonna u dan *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Clayton Massa u f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, jekk jidhrilha xieraq, tordna Ordni ta' Trattament u dan *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom

x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' nhar l-14 ta' Mejju 2024[1] quddiem Qorti kif diversament preseduta l-akkuża hawn fuq ċitata ġiet moqrija u kkonfermata bil-ġurament mill-Uffiċċjali Prosekuturi u ċioe' l-Spettur Sherona Buhagiar u l-Spettur Christian Cauchi;

Rat li waqt is-seduta ta' nhar l-14 ta' Mejju 2024[2] quddiem Qorti kif diversament preseduta saret Ordni ta' Superviżjoni Proviżorja (Temporanja) sabiex l-imputat jiġi segwit minn Uffiċċjal tal-*Probation* li għandha tindika liema trattament jista' jibbenefika minnu l-imputat u tordna lill-imputat sabiex isegwi l-istess trattament u kull direzzjoni mogħtija lilu mill-Uffiċċjal tal-*Probation*;

Rat li waqt is-seduta ta' nhar is-6 ta' Novembru 2024[3] quddiem Din il-Qorti kif preseduta l- akkuża hawn fuq ċitata ġiet moqrija u kkonfermata bil-ġurament mill-Uffiċċjali Prosekuturi u ċioe' l-Spettur Christian Cauchi u l-Avukat Etienne Savona;

Rat id-dokumenti esebiti senjatament:

1. Ċertifikat tat-twelid tal-imputat[4];
2. Il-Fedina Penali tal-imputat[5];
3. Okkorrenza bir-referenza GHQ/GBDV/1176/2024[6];
4. Ċertifikat mediku datat is-6 ta' Mejju 2024 rilaxxat favur il-*parte civile* l-Spettur Omar Zammit[7];
5. Ċertifikat mediku datat is-6 ta' Mejju 2024 rilaxxat favur il-*parte civile* Mark Tonna[8];
6. Mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat[9];

---

[1] Ara a fol 9 tal-proċess
[2] Ara a fol 9 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 170 tal-proċess
[4] Ara Dok. CG1 a fol 14 tal-proċess
[5] Ara Dok. CG2 a fol 15 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok. CG3 a fol 17 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok. CG4 a fol 24 tal-proċess
[8] Ara Dok. CG5 a fol 25 tal-proċess
[9] Ara Dok. CG6 a fol 26 tal-proċess

7. Rikors għall-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat[10];
8. *Referral For Domestic Violence Unit* fil-konfront tal-*parte civile* Beverly Agius[11];
9. L-istqarrija awdjoviżiva tal-imputat[12];
10. Il-Karta tal-identita' tal-imputat[13], liema karta tal-identita' ġiet mibgħuta lid-Direttur fid-Dipartiment tal-Karti tal-Identita' hekk kif jirriżulta mir-riċevuta *ai termini* tal-Kap. 460(8) (Att Dwar l-Unjoni Ewropea)[14];
11. Ritratt tal-ġrieħi[15];
12. Nota tas-*Senior Probation Officer* Gordon Grech datata s-6 ta' Ġunju 2024 u li permezz tagħha nforma lil Din il-Qorti li l-Uffiċċjal tal-*Probation* Dorian Cornelius ġie nominat sabiex isegwi lill-imputat pendenti l-proċeduri kriminali[16];
13. Rapport tal-Uffiċċjal tal-Probation Dorian Cornelius datat it-23 ta' Lulju 2024[17] flimkien mad-dokumentazzjoni annessa inkluża l-*employment history* tal-imputat[18];
14. Rapport tal-Uffiċċjal tal-Probation Dorian Cornelius datat l-1 t'Ottubru 2024[19] flimkien mad-dokumentazzjoni annessa inkluża l-*employment history* tal-imputat[20];
15. Ritratt esebit u meħud minn PS 2261 Donna Frendo Magro[21];
16. Rapport tal-espert mediko-legali Dr. Edward Basile Cherubino[22];
17. Rapport tal-Uffiċċjal tal-Probation Dorian Cornelius datat it-30 ta' Jannar 2025[23] flimkien mad-dokumentazzjoni annessa inkluża l-*employment history* tal-imputat[24];

---

[10] Ara Dok. CG7 a fol 27 tal-proċess
[11] Ara Dok. CG8 a fol 30 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok. CG9 a fol 48 tal-proċess
[13] Ara Dok. CG10 a fol 49 tal-proċess
[14] Ara a fol 52 tal-proċess
[15] Ara Dok. CG11 a fol 50 tal-proċess
[16] Ara a fol 88 tal-proċess
[17] Ara a fol 123 tal-proċess
[18] Ara a fol 124 *et seq* tal-proċess
[19] Ara a fol 150A tal-proċess
[20] Ara a fol 124 *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok. A1 a fol 153 tal-proċess
[22] Ara Dok. EBC1 a fol 154 *et seq* tal-proċess
[23] Ara a fol 179 tal-proċess
[24] Ara a fol 124 *et seq* tal-proċess

18. Rapport tal-Uffiċċjal tal-Probation Dorian Cornelius datat it-13 ta' Mejju 2025[25];

Rat li waqt is-seduta ta' nhar l-14 ta' Mejju 2024 l-Qorti kif diversament preseduta Ordnat il-Ħruġ t'Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-Spettur Omar Zammit, PC 575 Mark Tonna u Beverly Agius[26];

Rat li l-*parte civile* Beverly Agius irrinunzjat għall-akkużi fil-konfront tagħha *stante* li huma ta' natura rinunzjabbli (akkuża numru 6 u akkuża numru 7) waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2024[27];

Rat li waqt l-istess seduta tat-22 ta' Mejju 2024[28] ingħata Digriet ta' *Prima Facie*[29];

Semgħet ix-xhieda tas-segwenti:

1. PC 575 Mark Tonna[30];
2. L-Spettur Omar Zammit[31];
3. Maria Concetta Massa[32];
4. L-Spettur Christian Cauchi[33];
5. PC 2229 Marvic Spiteri[34];
6. PS110 Andre Zahra[35];
7. PS2261 Donna Frendo Magro[36];
8. Dr. Justine De Gray[37];
9. Dr. Edward Basile Cherubino[38];

---

[25] Ara a fol 124 *et seq* tal-proċess
[26] Ara a fol 51 tal-proċess
[27] Ara a fol 54 tal-proċess
[28] Ara a fol 54 tal-proċess
[29] Ara a fol 69 tal-proċess
[30] Ara x-xhieda tiegħu waqt is-seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju 2024 a fol 55 *et seq* tal-proċess
[31] Ara x-xhieda tiegħu waqt is-seduta ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2024 a fol 93 *et seq* tal-proċess
[32] Ara x-xhieda tagħha waqt is-seduta ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2024 a fol 104 *et seq* tal-proċess
[33] Ara x-xhieda tiegħu waqt is-seduta ta' nhar il-31 ta' Lulju 2024 a fol 130 *et seq* tal-proċess
[34] Ara x-xhieda tiegħu waqt is-seduta ta' nhar id-29 t'Awwissu 2024 a fol 138 *et seq* tal-proċess
[35] Ara x-xhieda tiegħu waqt is-seduta ta' nhar id-29 t'Awwissu 2024 a fol 144 *et seq* tal-proċess
[36] Ara x-xhieda tagħha waqt is-seduta ta' nhar it-2 t'Ottubru 2024 a fol 152A *et seq* tal-proċess
[37] Ara x-xhieda tagħha waqt is-seduta ta' nhar it-2 t'Ottubru 2024 a fol 153A *et seq* tal-proċess filwaqt li l-kontro-eżami tagħha sar waqt is-seduta ta' nhar is-26 ta' Marzu 2025 a fol 182 *et seq* tal-proċess
[38] Ara x-xhieda tiegħu waqt is-seduta ta' nhar it-2 t'Ottubru 2024 a fol 153D *et seq* tal-proċess filwaqt li l-kontro-eżami tiegħu sar waqt is-seduta ta' nhar is-26 ta' Marzu 2025 a fol 184 *et seq* tal-proċess

Rat li waqt is-seduta ta' nhar il-31 ta' Lulju 2024 il-Prosekuzzjoni talbet il-ħatra t'Espert Mediko-Legali, liema talba ġiet milqugħa minn Din il-Qorti b'dan li ġie nominat Dr. Edward Basile Cherubino għal dan il-għan[39];

Rat ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-4 ta' Diċembru 2024[40], b'dan illi jidhirlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 95, 96, 338(dd), 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

B'dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha, skont kif provdut fl-Artikolu 370(3)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tisma' lit-tabiba Dr. Justine De Gray tixhed dwar il-ġrieħi subiti mill-Spettur Omar Zammit u PC 575 Mark Tonna;

2. Tisma' u tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Prosekuzzjoni jidhrilha xieraq li tipproduċi f'dan il-każ;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2024[41], din il-Qorti reġgħet ħadet konjizzjoni tar-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-4 ta' Diċembru 2024[42], u ġie dikjarat li l-ewwel riżerva kienet sodisfatta;

---

[39] Ara a fol 128 tal-proċess
[40] Ara a fol 174 *et seq* tal-proċess
[41] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 176 tal-proċess
[42] Ara a fol 174 *et seq* tal-proċess

Rat li waqt is-seduta ta' nhar il-11 ta' Diċembru 2024[43] Dr. Michael Muscat għall-Avukat Ġenerali qara u kkonferma l-Artikoli bil-ġurament[44];

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat li l-imputat meta tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati waqt il-preżentata tal-14 ta' Mejju 2024 wieġeb li mhux ħati tal-akkużi hekk kif miġjuba fil-konfront tiegħu[45] iżda sussegwentement waqt is-seduta ta' nhar il-21 ta' Mejju 2025, iddikjara li hu ħati għall-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' wara li l-imputat waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2025 wieġeb li hu ħati, wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat tiegħu li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti każ din l-ammissjoni tiegħu.

Il-Qorti ma tqisx illi hemm raġuni tajba *ai termini* tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex tiddubita li *nonostante* l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament m'huwiex ħati tar-reati addebitati lilu pero' dan qiegħed jingħad kwantu għall-akkużi kollha ad eċċezzjoni tal-akkużi numru sitta u numru sebgħa *stante* li huma akkużi abbinati mal-*parte civile* Beverly Agius li rrinunzjat għal dak kollu li hu rinunzjabbli b'dan li ma xehditx f'dawn il-proċeduri u għalhekk il-Qorti ma tarax li tista' ssib ħtija fuqhom minkejja l-istess ammissjoni tal-imputat. Il-Qorti tqis, għalhekk, li l-akkużi huma sodisfaċjentement ippruvati ad esklużjoni tal-akkużi numru sitta u numru sebgħa;

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li tiddikjara li l-akkużi hekk kif miġjuba fil-konfront tal-imputat ġew sodisfaċentement pruvati;

---

[43] Ara a fol 176 tal-proċess

[44] Ara a fol 174 tal-proċess

[45] Ara l-verbal tal-istess imsemmija seduta a fol 9 *et seq* tal-proċess u l-eżami tal-imputat innifsu *ai termini* tal-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta a fol 13 tal-proċess

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiża jitrattaw fuq il-piena;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment il-provi u d-dokumenti kollha esebiti.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Kwantu għall-akkużi li bihom hu mixli l-imputat fil-kawża ojderna u ċioe’ talli talli nhar is-sitta (06) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn 17:30hrs u 18:30hrs u / jew xi ħinijiet qabel / jew wara, ġewwa 120, Triq is-Sur, Isla u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-**Ispettur Omar Zammit** f’periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema grieħi huma ta’ natura gravi hekk kif ġie iċċertifikat mit-tabiba Justine Gray M.D bin-numru tar-reġistrazzjoni 3966 minn ġewwa l-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artiklu 214, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ **PC575 Mark Tonna** f’periklu ċar, voluntarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tieghu, liema grieħi huma ta’ natura ħafifa hekk kif ġie iċċertifikat mit-tabiba Justine Gray M.D bin-numru tar-registrazzjoni 3966 minn gewwa l-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodici Kriminali ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni tal-**iSpettur Omar Zammit** u **PC575 Mark Tonna** persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jew minħabba li kien għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħa jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra **l-Ispettur Omar Zammit u PC575 Mark Tonna**, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità u cioe' ta' **l-Ispettur Omar Zammit** jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu , jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor għemel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

U akkużat ukoll talli nhar is-sitta (06) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġimgħat u / jew xhur ta' qabel, ġewwa 120, Triq is-Sur, Isla u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. Ħebb kontra l-eks sieħba tiegħu u ċioe' **Beverly Agius** sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil l-istess Beverly Agius jew lil ħaddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu u ċioe' **Beverly Agius** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u storbju.

L-imputat wieġeb li hu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni, l-Qorti tqis li l-akkużi fil-konfront tal-imputat ġew sodisfaċentement ippruvati;

Għal finijiet ta' piena l-Qorti, ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li tagħhom huwa qed jiddikjara li huwa ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li rreġistra ammissjoni, għalkemm irid jingħad li l-istess imsemmija ammissjoni saret fi stadju ferm avvanzat tal-proċeduri tant li kienet fi stadju tal-kontro-eżamijiet da parti tad-difiża. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti, għalkemm qieset il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutili għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja[46], tara li l-istess ġurisprudenza m'hijiex applikabbli fl-*intier* tagħha għall-każ odjern *stante* li l-ammissjoni saret ferm tardivament fil-proċeduri. Il-Qorti min-naħa l-oħra pero' tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet. Il-Qorti tqis ukoll ir-rapporti tal-Uffiċċjal tal-Probation esebiti in atti fil-morti tal-proċeduri li jagħtu stampa ta' żvilupp u ta' progress tajjeb da parti tal-istess imputat li ta' min jinkorraġġih. Tqis ukoll li waħda mill-*parte civile* u ċioe' Beverly Agius irrinunzjat għal dak kollu li hu rinunzjabbli b'dan li ma xehditx f'dawn il-proċeduri. Dawn il-fatturi kollha allura jagħtu lok sabiex il-Qorti, fil-kalibrazzjoni tal-piena ma tmurx għall-massimu stabbilit mil-liġi u tagħtih opportunita' biex ikompli miexi fit-triq tas-sewwa li jidher li qabad, pero' fl-istess ħin trid tiżen dan kollu mar-reati kontemplati u li għalihom l-akkużat irreġistra l-ammissjoni tiegħu.

[46] Ara l-kawżi fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi (Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Frar 1997) u Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa (Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002])

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 95[47], l-Artikolu 96(a)[48], l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216(1)(b), l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 338(dd), l-Artikolu 338(ee) l-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384, l-Artikolu 385, l-Artikolu 386, l-Artikolu 412Ċ, l-Artikolu 412D, l-Artikolu 532A, l-Artikolu 532B u l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li **ma ssibx lill-imputat ħati tas-sitt u sebgħa akkużi u konsegwentement tilliberah minnhom**, issib lill-imputat, **fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu stess**, **ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u t-tmien akkużi** hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu iżda *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal- Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, taħt **Ordni ta' Probation** għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum skond id-dispost tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess Clayton Massa jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Clayton Massa bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-*ordni ta' probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun

[47] Hekk kif kien qabel l-emendi relattivi permezz tal-Att IV tal-2025
[48] Hekk kif kien qabel l-emendi relattivi permezz tal-Att IV tal-2025

responsabbli għas-sorveljanza ta' Clayton Massa. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputat issa l-ħati Clayton Massa kull tliet (3) xhur.

*In oltre* l-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna li jinħareġ **Treatment Order** fil-konfront tal-imputat issa l-ħati għal tul ta' tlett (3) snin biex tkompli tiġi ndirizzata l-problema tal-użu ta' sustanzi lleċiti, jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju u jingħata kwalunkwe għajnuna professjonali għal kwalunkwe kundizzjoni li tista' tiġi kkonstatata mill-professjonisti. Il-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat. Il-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lid-Direttur tal-Probation and Parole.

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Clayton Massa** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Clayton Massa** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

*Stante* li Ordni ta' Protezzjoni tinħareġ pendenti l-proċeduri u *stante* li kif ingħad aktar 'il fuq, nhar l-14 ta' Mejju 2024 il-Qorti kif diversament preseduta kienet ħarġet Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-imputat (issa l-ħati) a favur l-Spettur Omar Zammit, PC 575 Mark Tonna u Beverly Agius *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba;

*Stante* d-dikjarazzjoni li saret mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' nhar il-21 ta' Mejju 2025[49] fis-sens li l-*parte civile* l-Spettur Omar Zammit u PC 575 Mark Tonna ma jixtiequx li jkun hemm xi forma t'Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat favurihom filwaqt li kwantu għall-*parte civile* Beverly Agius (li kienet irrinunzjat għal dak kollu li hu rinunzjabbli f'dawn il-proċeduri), ġie ddikjarat li m'hemmx lok għal xi Ordni ta' Trażżin favuriha, l-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-istess Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 382A.(1), l-Artikolu 383, l-Artikolu 384 u l-Arikolu 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u tikkundanna lill-imputat issa l-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż assoċjati mal-ħatra u l-inkarigu tal-esperti tal-Qorti, f'dan il-każ Dr. Edward Basile Cherubino, espert mediko-legali fl-ammont ta' fl-ammont ta' tliet mija u sitta u sebgħin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€376.36).

*Ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

[49] Ara a fol 194 *et seq* tal-proċess